MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 542/2004

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Antonella Vassallo I.D. 469966M**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, disgha mija tlieta u tmenin liri maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm1983.55) rappresentanti ammont mill-konvenuta dovuta in konnessjoni ma' servizzi telefonici liema servizzi gew insallati, in kwantu ghal Lm1433.86 fuq servizzi telefonici li jgibu in-numru 21310410, 21334155 u 21310622 fl-indirizz 'Carolina Court' Flt/6, Triq Giuseppe Cali, Ta' Xbiex in kwantu ghal Lm462.84 fuq servizz telefoniku 21375856 fl-indirizz 'Joselin flats' – 'Alpha' t/g fit-Triq Wirt Nazzjonali, Bahar ic-Caghaq u in kwantu ghal Lm86.85 fuq servizz telefoniku 21435505 fl-indirizz 'Il-

Loggaʼ Triq it-Torri Gauci, San Pawl tat-Targa (skond kif jirrizulta mid-Dok A, Dok B, Dok C, Dok D, Dok E, Dok F u Dok G) annessi mal-avviz.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-avviz u taʼ l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti kollha annessi min fol 2 sa fol 9 u markati Dok A sa Dok G.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjetaʼ attrici sabiex konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, konvenuta naqset u ma dehritx fil-21 ta' Gunju 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas globalment lis-socjetaʼ attrici s-somma ta' Lm1983.55,0 bl-imghax legali mit-13 taʼ Ottubru 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, bla data, imsemmija fl-avviz u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------